MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 663/2013

**Globe Ground Malta Limited**
**(C-31426)**

**vs**

**Fenech Wayne**
**(ID461493-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet hlas tas-somma ta' tmien mija tmienja u tletin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€838.86c) u ddikjarat illi l-intimat abbanduna l-impieg fuq kuntratt definit minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi u l-ammont pretiz hu skond il-Kap 452.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa (i) preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni *ratione materie* ta' dan l-Onorabbli Tribunal in kwantu illi kwistjonijiet bhal dawn huma vestiti esklussivament fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali kif jirrizulta mill-Artikolu 75 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) illi sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-

suespost l-intimat kellu ragunijiet validi u sufficjenti fil-ligi sabiex ma jkomplix fl-impieg tieghu mas-Socjeta’ rikorrenti.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tas-Socjeta’ attrici.

Ra d-digriet li nghata minn dan it-Tribunal, diversament presjedut, datat 8 ta’ Jannar, 2014, li permezz tieghu giet akkolta t-talba tal-konvenut ghar-rikuza tal-Gudikatur li kien qed jisma’ l-kawza, u dan ghar-ragunijiet hemm imsemmija.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi din id-decizjoni tittratta dwar l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut dwar nuqqas ta’ kompetenza *ratione materie* ta’ dan it-Tribunal sabiex jisma’ u jiddecidi din il-kawza. Illi permezz tad-deposizzjoni li nghatat mir-rapprezentant tas-Socjeta’ attrici, aktar precizament il-*Human Resources Manager* taghha, gie dikjarat li l-konvenut kien impjegat mas-Socjeta’ attrici b’effett mill-11 ta’ Marzu, 2013, u l-kuntratt ta’ impieg kien ghal perjodu ta’ sitt-(6) xhur, u ghalhekk kellu jiskadi fil-31 ta’ Ottubru, 2013. Illi l-konvenut waqaf mill-impieg tieghu mas-Socjeta’ attrici fid-19 ta’ Awwissu, 2013, u dan meta l-istess konvenut irrizenja mill-impieg tieghu. Iddikjara wkoll illi z-zmien tal-*probation* kien skada.

Illi l-konvenut jikkontendi illi hu kellu ragunijiet validi u sufficjenti sabiex jittermina l-impieg tieghu minn mas-Socjeta’ attrici qabel iz-zmien miftiehem, u li huwa fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali li jiddetermina jekk jezistux tali ragunijiet validi u sufficjenti; illi ghalhekk, u gialadarba jehtieg illi jigi determinat x’wassal ghall-abbandun tal-impieg da parti tal-konvenut, allura necessarjament isegwi illi tali azzjoni kellha tigi proposta quddiem it-Tribunal Industrijali.

Illi da parti taghha s-Socjeta’ attrici ssostni illi din l-azzjoni tittratta dwar debitu civili, u li ghalhekk il-pretensjonijiet tas-Socjeta’ attrici m’ humiex regolati mill-provvedimenti tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta. Iddikjarat ukoll illi t-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni kongunta mal-Qrati ordinarji, in kwantu t-Tribunal jinvestiga istanti ta’ tkeccija ingusta mill-impieg, filwaqt illi azzjonijiet dwar gbir ta’ debiti civili, anke jekk rizultanti minn kuntratti ta’

impieg, ghandhom jigu rivolti quddiem il-Qrati ordinarji. Illi fi kwalunkwe kaz, il-provvediment tal-Ligi li ghalih saret referenza mill-konvenut fir-risposta tieghu jirregola tkeccija ngusta ta' impjegat mill-impieg tieghu, u cioe' dwar talbiet li jsiru mill-impjegat kontra min ihaddmu, u mhux vice versa, bhal fil-kaz odjern, fejn min jimpjega qed jitlob hlas minghand ex-impjegat tieghu ta' dik il-parti tal-paga li tirraprezenta nofs il-paga li kienet tigi mhallsa lill-impjegat kemm-il darba jkun kompla fl-impieg tieghu sa tmiem il-kuntratt ta' impieg. Illi ghalhekk id-debitu tal-konvenut fil-konfront tas-Socjeta' attrici huwa wiehed *ex contractu*.

Ikkunsidra,

Illi huwa evidenti illi din l-azzjoni giet proposta taht il-provvedimenti tal-Artikolu 36 (12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi kif gej: "*Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-principal tieghu qabel iz-zmien specifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jhallas lill-principal tieghu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem...*". Illi s-Socjeta' attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq il-fatt illi l-konvenut gie impjegat maghha b'effett mill-11 ta' Marzu, 2013, u li meta l-istess konvenut telaq mill-impieg tieghu minn mal-istess Socjeta' attrici, hu kiser it-termini tal-kuntratt ta' impieg tieghu, in kwantu abbanduna l-kuntratt li kellu jibqa' fis-sehh sal-31 ta' Ottubru, 2013.

Illi l-konvenut mhux qed jikkontesta illi hu telaq mill-impieg tieghu qabel ma skada z-zmien miftiehem, izda li kellu ragunijiet validi sabiex jitlaq minn tali impieg. Illi jsostni wkoll illi gialadarba ser ikun mehtieg illi jigu diskussi u trattati r-ragunijiet li wasslu lill-konvenut sabiex jabbanduna l-impieg tieghu minn mas-Socjeta' attrici, tali stharrig jista' jsir unikament u esklussivament mit-Tribunal Industrijali, u kwindi l-azzjoni kellha tigi proposta quddiem dak it-Tribunal.

Illi mill-fatti kif esposti jirrizulta illi kien jezisti kuntratt ta' impieg bejn il-partijiet kontendenti ghal zmien definit, u li qabel ma skada z-zmien miftiehem, l-attur telaq minn dan l-istess impieg. Illi d-decizjoni dwar tali terminazzjoni jidher illi ttiehdet mill-konvenut, tant illi s-Socjeta' attrici ressqet din l-azzjoni in bazi tal-provvedimenti tal-Artikolu 36 (12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalkemm il-konvenut qed isostni fir-risposta tieghu li kien hemm ragunijiet validi ghalfejn hu waqaf mill-impieg tieghu, madanakollu, jidher illi

qed jirrikonoxxi li din kienet decizjoni unilaterali tieghu. Illi ghalhekk, u ladarba ma hemmx allegazzjoni ta’ terminazzjoni ingusta tal-impieg tal-konvenut da parti tas-Socjeta’ attrici, u lanqas ma jidher illi hemm allegazzjoni dwar ksur ta’ xi wahda mill-kundizzjonijiet ta’ impieg da parti tal-istess Socjeta’ attrici li kienet qed timpjega lill-konvenut, allura ma tirrizulta ebda raguni ghalfejn din l-azzjoni kellha tigi proposta quddiem it-Tribunal Industrijali. Illi kemm-il darba rrizultat wahda minn dawn ic-cirkostanzi, allura kien jispetta lill-konvenut li jipproponi hu azzjoni fil-konfront ta’ min kien qed jimpjegah quddiem it-Tribunal Industrijali, u dan sabiex jinghata r-rimedju xieraq.

Illi effettivament din l-azzjoni tittratta dwar debitu civili naxxenti minn kuntratt ta’ impieg li gie terminat qabel il-waqt, u liema debitu huwa konsegwenti ghall-fatt illi wahda mill-partijiet firmatarja fuq dan il-ftehim naqset milli tosserva t-termini u kundizzjonijiet tal-istess ftehim, liema stat ta’ fatt iwassal ghall-konsegwenzi kontemplati fl-Artikolu 36 (12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi jsegwi ghalhekk illi din l-azzjoni tittratta dwar hlas, o meno, ta’ somma flus, u kwindi tinkwadra ruhha fil-kompetenza u gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal. Illi ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut m’hix gustifikata u qed tigi respinta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar nuqqas ta’ kompetenza *ratione materie*, qed jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza fil-mertu.

L-ispejjez ta’ din is-sentenza preliminari jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------